MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2010

Citazzjoni Numru. 339/2009

**A B**
**vs**
**L-Avukat Dottor Martin Fenech**
**u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici**
**nominati kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw**
**lill-assenti C D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Dicembru 2001, u minn dan iz-zwieg ghandhom tifel bl-isem E li twieled fil-11 ta' Gunju 2001; li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment, u l-hajja konjugali m' ghadhiex aktar possibbli minhabba "f' sevizzi, theddid u ngurji gravi da parti ta' l-intimat, kif ukoll minhabba nkompatibilita' ta' karattru."; li l-attrici ottjeniet l-awtorizzazzjoni mill-qorti sabiex tipprocedi b' din il-kawza; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenut

ghar-raunijiet fuq indikati; [2] tafda l-kura u kustodja tal-minuri f' idejn il-konvenut; [3] tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici, ghaliha u ghal wild minuri, retta alimentarja xierqa; [4] tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti; [5] tordna li l-beni parafernali taghha jigu ritornati lilha; [6] tordna d-dekadenza tal-intimat fit-termini ta' l-artikoli 48 u 51 tal-Ka.16; bl-ispejjez;

Rat ir-risposta guramentata tad-deputati kuraturi fejn rrilevaw li huma ma kienux edotti mill-fatti, u rrizervaw li jissottomettu risposta ulterjuri;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob li din il-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikolu 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, unikament imputabbli lill-konvenut, zewgha; kif ukoll sabiex din il-Qorti tirregola l-effetti konsegwenzjali ghas-separazzjoni.

**Separazzjoni Personali**
Illi mill-provi jirrizulta mhux kontradatt, u sodisfacentement provat, li l-partijiet izzewgu fit-13 ta' Dicembru 2001, u minn dan iz-zwieg twieled fil-11 ta' Gunju 2001 it-tifel E li ghadu minorenni.

Il-partijiet izzewgu fl-Istati Uniti ta' l-Amerika, u ghexu kemm hemmhekk kif ukoll f' Malta. Jirrizulta li l-problemi matrimonjali kollha taghhom isibu s-sors taghhom fil-problema kbira tax-xorb tal-konvenut, kif ukoll fil-vizzju ta' l-abbuz tad-droga da parti tieghu.

L-attrici rrakkontat kif tul il-konvivenza matrimonjali kollha “Zewgi kien aggressiv verbalment fil-konfront taghna [taghha u tat-tifel], u hu kien marid minhabba l-influwenza tad-drogi. Hu wkoll kien tilef ix-xoghol tieghu minhabba din

il-kondizzjoni ….. Hu kien jixrob, u s-sitwazzjoni kienet wahda miserabbli, u jiena ma kellix flus jew fejn immur. Jiena kont immur ghand il-genituri tieghu ghas-support, Din is-sitwazzjoni damet sejra ghal dawn l-ahhar ghaxar [10] snin.”[1]

Tghid ukoll: “zewgi ma hux fi stat li jahdem, jew li jkollu l-kura u kustodja ta’ ibna minhabba l-kondizzjoni ta’ alkolholizmu tieghu.”[2] Ghalhekk hi sabet impieg sabiex tkun tista’ tghix hi u binha. Hija taqla’ circa €650 fix-xahar, u ghandha kera mensili ta’ €335.

Illi t-tezi attrici dwar il-problema tal-alkoholizmu ta’ zewgha tinsab konfermata, anke mix-xhieda tat-tabib kuranti tieghu Dottor Edward Darmanin[3].

Minn naha tieghu David Grillo, counsellor fil-kullegg St.Edwards, ikkonferma l-effett negattiv ta’ din il-problema fuq it-tifel tal-partijiet, u fuq ir-relazzjoni li dan ghandu ma’ missieru. Dan ix-xhud jghid kif il-minuri “ma kienx ihossu safe [ma’ missieru] minhabba x-xorb u l-aggressjoni …. Hu kien irid jara lil missieru, pero’ jbati minn hafna bizghat li jzid l-anzjeta’ fit-tifel.”[4] Jghid ukoll: “l-ahhar li kien Malta Mr.B, it-tifel kien imbezza’ u mbaghad gie ‘relieved’ meta missieru telaq.”[5]

Illi mill-provi mismugha u akkwiziti, jirrizulta manifest li l-hajja konjugali bejn il-partijiet m’ ghadhiex aktar possibbli, u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; u dan tort ta’ sevizzi fit-termini ta’ l-artikolu precitat, da parti tal-konvenut fil-konfront ta’ martu u anke ta’ ibnu, rizultat tal-problemi li ghandu, senjatament dik tal-alkoholizmu; u li l-komportament abbuziv da parti tal-konvenut, ripetut u abittwali, kien irrenda nsapportabbli, ghall-attrici, u anke ghat-tifel taghhom, il-konvivenza. Dan il-komportament huwa tali li jattira fuq il-konvenut s-sanzjonijiet kontemplati

---

[1] Aff. Fol.47
[2] Ibid.
[3] Dep. fol.61
[4] Dep. fols.61-63
[5] Ibid.

fil-paragrafu 48, b' applikazzjoni ta' l-artikolu 51 tal-Kap. precitat.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici ghas-separazzjoni personali, u bi htija tal-konvenut, hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u timmerita li tigi milqugha.

**Kura u Kustodja**
Illi mill-provi jirrizulta car li huwa fl-ahjar interess tat-tifel li l-kura u kustodja tieghu tigi fdata esklussivament f' idejn l-attrici.

Illi ghalkemm id-dritt ta' l- access favur il-missier qed jibqa' mpregudikat, izda l-modalita' tieghu qed tigi rizervata sabiex tigi stabbilita minn din il-Qorti fuq talba ad hoc, tenut kont ta' l-effett negattiv li l-problema ta' l-alkohol tal-missier ghandha fuq ibnu.

**Manteniment**
Illi ma jirrizultawx provi dwar ix-xoghol u l-introju tal-konvenut, u l-attrici, f' dan ir-rigward, tillimita ruhha ghall-affermazzjoni li l-konvenut mhuwiex fi stat li jahdem. Inoltre jirrizulta li l-attrici ghandha impieg regolari.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija tal-fehema li, ghalkemm l-htija tas-separazzjoni personali tirrisjedi unikament fuq il-konvenut, dana, stante li fil-prezent ma jirrizultax li jahdem qed jigi ezonerat milli jhallas manteniment lill-attrici; fl-istess hin, il-Qorti tafferma d-dritt ta' l-istess attrici li din tezigi manteniment minghand il-konvenut f' gudizzju separat, hekk kif dan jibda jahdem b' introjtu adegwat.

Illi rigward il-minuri, il-Qorti tosserva li bhala regola l-obbligu tal-manteniment huwa wiehed assolut, tenut kont tal-mezzi u ta' l-introju tieghu; u ghalhekk f' dan il-kaz il-Qorti tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici, bhala l-kontribut tieghu ghall-manteniment ta' ibnu, wiehed minn sitta [1/6] ta' kull beneficju u/jew assistenza socjali li l-konvenut ikun qed jippercepixxi, liema parti ghandha tinqata' direttament mid-dipartiment koncernat u tintbaghat direttament lill-attrici fl-indirizz residenzjali taghha.

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

Illi mill-provi jirrizulta li ma hemmx effetti, mobbli jew immobbli, fil-komunjoni ta' l-akkwisti. Hemm pero', skond l-attrici, dejn ta' €17,000 circa mal-Bank HSBC bilanc ta' loan li z-zewg partijiet kienu hadu sabiex xtraw vettura BMW li skond l-attrici nbieghet minnha wara li l-konvenut kien habat biha meta dan kien fi stat ta' sakra, u b' hekk tilfu hafna flus fuqha. Hemm ukoll dejn ta' €10,000 circa fuq credit card li l-konvenut ghandu ma' l-istess Bank.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi:

[1] tilqa' l-ewwel talba, u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija unika tal-konvenut;

[2] tilqa' t-tieni talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Kura u Kustodja.";

[3] tilqa' t-tielet talba, limitatament u fit-termini kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata "Manteniment";

[4] tilqa' ir-raba' talba u tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, tillikwidaha u tordna li l-passiv ghandu jinqasam ugwalment bejn zewg partijiet, hlief ghad-dejn fuq il-credit card li l-konvenut ghandu fuq ismu mal-Bank HSBC u li l-bilanc tieghu ghandu jbqa' unikament a kariku ta' l-istess konvenut;

[5] tichad il-hames talba peress li ma ngabux provi f' dan ir-rigward;

[6] tilqa' s-sitt talba u tordna l-applikazzjoni fil-konfront tal-konvenut ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16 fl-intier tieghu.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut, hlief dawn relattivi ghat-talba numru hamsa li ghandhom jinbqaghu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------